27 ta' Jannar, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Micallef et *versus* Salvatore Azzopardi

## Danni — Karrozza — Deprezzament — Kolpa — Dolo — Art. 1088 tal-Kap. 23

*Min jitlob danni kaġunati lilu minn ħtija ("culpa") ta' ħaddieħor, u mhux dolożament, mentri għandu dritt għar-rifużjoni tad-"damnum emergens" kollu, huwa ntitolat għar-riżarċiment tat-telf attwali biss, u mhux għal dak li hu possibbli u ipotetiku.*

*Għaldaqstant, min sofra danni f'karrozza tiegħu ma għandux dritt għal danni konsistenti fid-deprezzament tal-karrozza, meta d-deprezzament hu bażat fuq mera possibilità futura.*

Il-Qorti;

**Rat** iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi fil-11 ta' April, 1954, għall-ħabta tas-2.00 p.m., il-konvenut Azzopardi, li kien qiegħed isuq il-van tiegħu No. 8735 mit-Triq tas-Salini, San Pawl il-Baħar, minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja, jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tas-sewqan, ħabat u nvesta lill-karrozza tal-attur Nru. 15466, li dak il-ħin kienet wieqfa, u għamel ħafna ħsara fil-karrozza, u korra lill-attriċi Antonia Micallef; billi, minħabba dan l-investiment, il-konvenut arreka danni rilevanti lill-atturi, konsistenti dawn id-danni

fil-ħsara li sofriet il-karrozza ta' l-attur, telfien ta' xogħol, spejjeż għall-kuri, u danni oħra li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; talbu li, prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabbli għad-danni kollha kawżati lill-atturi kif fuq imsemmi, jiġi kundannat iħallas lill-istess atturi, bħala riżarċiment ta' l-istess danni, dik is-somma li tiġi likwidata mill-Qorti, anki għall-bżonn permezz ta' periti nominandi; bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-impediment tal-partenza tat-23 ta' April 1954, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi l-perit legali, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, illikwida d-danni riżarċibbli lill-atturi fis-somma ta' £132.0.8;

Illi fost dawn id-danni l-perit stabbilixxa s-somma ta' £45 bħala deprezzament fil-valur tal-karrozza a kawża tal-kolliżjoni; u dan għal żewġ raġunijiet: (1) għaliex il-karrozza, għalkemm il-lum ma hemm ebda menomazzjoni fil-funzjonalità tagħha, jibqa' dejjem il-possibilità li fil-futur jista' jitfaċċa xi difett dovut għall-kolliżjoni; (2) u għaliex il-karrozza hija l-lum oġġett riparat, u jekk fil-futur tiġi offerta għall-bejgħ, dan forsi jista' jinfluwenza lill-kumpratur;

Illi, rigward dana d-deprezzament, mhux ta'min jinjora l-fatt li d-danni mitluba mill-attur ġew, "ex admissis", kaġunati minn ħtija ("culpa"), u mhux dolożament; u allura, fil-mentri li huma għandhom dritt għar-rifużjoni tad-"damnum emergens" kollu, huma ntitolati biss għar-riżarċiment tat-telf attwali biss, u mhux għal dak li hu possibbli u ipotetiku. Dan hu s-sens tal-art. 1088 (Kod. Ċiv.), u dan kien il-ħsieb tal-leġislatur meta ġieb il-quddiem l-emenda relattiva bl-Ordinanza III ta' l-1938 (ara l-"Objects and Reasons" publikati f'dik l-okkażjoni). Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti ma tistax, fuq dan il-punt, taqbel mal-perit legali, li jibbaża d-deprezzament tal-karrozza fuq mera possibilità futura;

Illi, kwantu għall-bqija, il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet peritali u tadottahom;

Illi r-responsabbiltà tad-danni ġiet ammessa mill-konvenut;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tiddikjara l-konvenut responsabbli taddanni mitluba, u *tikkundannah iħallas lill-atturi s-somma* ta' £87 bħala danni minnhom sofferti, bl-imgħax legali millum, u bl-ispejjeż.